# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf









Numru 76 Settembru - Ottubru 2006



# x'għandna?


editorjal 2
aħbarijiet 3
X'għandna mid-dinja? 4
X'se Naraw? 5
attività 6
ittra 6
avviżi 6
gallerija 7
Bħalissa... 7
Falko 8
Qed jispiċċaw bla dar! 9
Sibtha fix-Xibka! 10
Daħħal membru 10
ħotspots: Hornøya 11
Kalendarju 2007 12






# Ħej Ħuttaf!

Għalija l-ħarifa l-isbaħ żmien tas-sena. In-natura tibda tqum mir-raqda u mill-ħedla tas-sajf, l-arja tiffriska u x-xemx titlef ftit mill-qilla, xi sħab jibda jitfaċċa u l-art tieħu l-ewwel tixriba xita, jispiċċa l-għawm, nitfu l-fannijiet u nerfgħuhom għal sajf ieħor. U l-moħħ jerġa' jibda jaħdem. U mnalla, għax tkun reġgħet bdiet l-iskola :-)

Aħna li nħobbu l-għasafar nibdew inħarsu iktar lejn is-sema ħalli naraw x'jitfaċċa. Fil-ħarifa ħafna miljuni ta' għasafar ikunu qed jaqsmu mill-Ewropa lejn l-Afrika, u peress li Malta qiegħda eżatt bejn dawn iż-żewġ kontinenti, ħafna għasafar jgħaddu minn fuqna biex jiffrankaw ftit baħar, biex jekk ikunu għajjenin jinżlu jistrieħu ftit f'pajjiżna.



Barra l-għasafar, ħafna ħlejjaq oħra jħossu l-bidla fit-temp. In-nemel iħaffef ir-rittmu tal-ħażna, iż-żerżur ibaxxi ż-żarżir u jieqaf għal kollox, il-gremxul, is-sriep, il-wiżgħat u x-xaħmet l-art jibdew ifittxu xi xaqq komdu fejn jgħaddu x-xitwa, il-friefet, il-mazzarelli u insetti oħra jbidu l-aħħar skoss bajd, u ż-żringijiet jibdew ħerġin mill-ħofor fit-tajn u jfittxu l-għarajjes! U l-art tibda ftit ftit tinkesa b'tapit aħdar hekk kif miljuni u miljuni ta' żerrigħat jibdew jinbtu.

U fuq rasna jwerżaq il-ħuttaf u l-ħawwief, jinstema' xi pespus fil-kampanja, u mill-ħarrub mimli fjuri jibda t-tektik li jfisser: waslu l-pitirrossi! Tal-ġenn il-ħarifa.

**Victor Falzon** L-Editur



Il-**bekkaċċ** (snipe *Gallinago gallinago*) huwa għasfur mistħi li jħobb postijiet bl-ilma u t-tajn fejn joqgħod jistad u jħaffer għad-dud b'dak il-munqar enormi. Il-bekkaċċ huwa wieħed minn dawk l-għasafar b'xortihom ħażina li l-liġi tħalli l-kaċċaturi jisparawlu. Peress li huwa ftit imbaċċaċ jgħidulek "Eh hijjos, dak fih ikla!"
U ejja 'qas li qed immutu bil-ġuħ!


**kumitat klabb ħuttaf**

Jason Aloisio, Matthew Borg Cardona, Desirée Falzon, Sylvia Falzon, Victor Falzon, Kathleen Mamo.



indirizz BirdLife Malta, 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12
tel 21347646 feks 21343239 imejl info@birdlifemalta.org
websajt www.birdlifemalta.org
imejl tal-magażin il-huttafa@birdlifemalta.org



Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, l-isem BirdLife f'dal-magażin jirreferi għal BirdLife Malta. Materjal mill-magażin jista' jiġi kkupjat basta mhux għal skop kummerċjali, u basta jissemma' isem il-magażin u tintbagħat lill-BirdLife kopja tal-materjal fejn ġie kkupjat.



Publikazzjoni: BirdLife Malta, Settembru 2006
Disinn u produzzjoni: Victor Falzon
Ritratt ta' quddiem: Bekkaċċ, ritratt ta' Juan Ellul Pirotta
Films: Pixel Services. Stampat: Poulton's Print Shop


**Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, u nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* kull xahrejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt xi attivitajiet. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm3 fis-sena.**



# Għasafar tal-ġenn!

Fis-27 Settembru l-Għadira niżlu żewġ fjamingi u serqu qalb kulħadd! Ħsibna se jparpru wara xi siegħa, imma mid-dehra għoġobhom l-ikel li sabu fir-riserva, għax sa ma ħadna dal-magażin bex nistampawh kienu diġà ċappsu ħamest ijiem hemm! Nisperaw biss li l-istorja ma tispiċċax bis-soltu traġedja li tiġri lil tant eluf ta' għasafar kbar u sbieħ li jgħaddu minn Malta - joqtluhom il-kaċċaturi.

Il-fjamingi huma fost l-ikbar għasafar li jżuru Malta. Rari tarahom, imma l-berdwoċers li jintefgħu max-xatt josservaw mit-teleskopju x'għasafar jgħaddu minn fuq il-baħar kull sena jaraw qatgħat ta' fjamingi jaqsmu l-baħar. Imma dawn rari jersqu lejn Malta għax f'Malta m'hawnx l-ambjent li jħobbu huma: għadajjar kbar b'ilma baxx. Ħlief l-Għadira, imma l-Għadira żgħira wisq għal folla fjamingi.

It-tnejn li niżlu l-Għadira kienu adult (= ikun kiber) u ferħ (= għadu żagħżugħ). Il-ferħ malajr tagħrfu għax ma jkollux roża u aħmar bħalma jkollhom il-kbar. Il-fjamingi jieklu annimali żgħar ta' l-ilma bħal gambli u ħniex irqaq. Għandhom munqarhom qisu passatur li bih jagħrblu l-ilma u jaqbdu l-ikel tagħhom.

L-għada li waslu l-fjamingi, bil-lejl xi kaċċaturi sparawlhom minn barra r-riserva, imma b'xorti tajba ma laqtuhomx. L-għassies malajr ċempel lill-pulizija, imma l-kriminali ħarbu jiġru bil-vann. Fil-ħarġa tal-Ħuttafa li jmiss ngħidulkom kif spiċċat l-istorja! Nisperaw li tkun aħbar tajba...

## Daqshekk ħa jiġru fuq il-baħar...

**X'ġara? Se tieqaf il-kaċċa fuq il-baħar? Mank kieku jaħasra. Mhux eżatt...**

Imma minn dis-sena l-kaċċaturi li joqtlu l-għasafar minn fuq il-baħar mhux se jitħallew iktar jiġru dak il-ġiri sfrenat wara l-povri vittmi tagħhom.

S'issa l-kaċċaturi bl-ispidbowts u d-dingis kienu qed jużaw muturi b'qawwa tremenda, u jiġru ġiri indimunjat wara l-għasafar għajjenin. Minn dis-sena l-ispid irid ikun mhux iktar minn 18km fis-siegħa. B'hekk tajra għall-inqas ikollha ftit iktar ċans taħrab il-mewt.

B'dil-bidla fil-liġi nistennew li l-affarijiet jibdew ikunu aħjar għall-għasafar...




Victor Falzon

**Jekk taraw karozza ddaħħan iż-żejjed, ibagħtu sms bin-numru tal-karozza lil 50611899.**




# Indjan Moħbi



Fl-1995 wieħed berdwoċer jismu Ramana Athreya kien berdwoċing f'Eaglenest, riserva naturali fin-naħa ta' fuq ta' l-Indja, u ra għasfur li ma seta' jsibu f'ebda ktieb. Wara 10 snin reġa' ra l-istess għasfur misterjuż fl-istess post. Il-kurżità għelbitu, ġab permess biex itella' xibka u rnexxielu jaqbad dan l-għasfur. Ħadlu skoss ritratti u reġa' telqu. Irnexxielu anke jirrekordja l-għanja, u iktar kien ċert li dan għasfur ġdid. U hekk kien.

L-għasfur ingħata l-isem **Bugun Liocichla** *Liocichla bugunorum* għax in-nies li jgħixu f'dawk in-naħat jgħidulhom Bugun.

Is-soltu meta jinstab għasfur ġdid ix-xjenza titlob li jinqatel imqar wieħed biex jinżamm bħala rekord u biex jiġi studjat aktar bir-reqqa (DNA ecc.). Imma Ramana ħass li dan l-għasfur kien rari wisq, għalhekk flok ma qatlu żamm biss xi ftit rixiet li kienu waqgħulu meta nqabad fix-xibka.

Fl-Indja kienu ilhom iktar minn 50 sena ma jsibu għasfur ġdid.



BirdLife International



karibu

# Rebħa Rari

Fl-iStati Uniti l-ambjentalisti għadhom kemm għamlu rebħa kbira kontra min irid jeqred l-ambjent biex isir sinjur. Fl-Alaska hemm medda art kbira jisimha l-**Western Arctic Reserve**. Din mhijiex il-famuża Arctic National Wildlife Refuge, imma daqshekk ieħor hi sabiħa u importanti għall-fawna li tgħix hemmhekk. Per eżempju madwar Lake Teshekpuk jgħixu 45,000 karibu (ċerv qisu reindeer) u fl-inħawi jbejtu mijiet ta' eluf ta' għasafar.

Imma sfortunatament taħt din l-art hemm iż-żejt, u l-Gvern Amerikan kif jisma' dik il-kelma donnu jitlef ir-raġuni kollha! Ta l-permessi lill-kumpaniji biex iħaffru għaż-żejt f'nofs dil-ġenna ta' l-art, u jeqirdu kull m'hemm. L-ambjentalisti tellgħu l-biċċa l-qorti, u ħroġ il-għaġeb rebħu l-art lura għan-natura.




BirdLife Malta Maps



## Bniedem tad-Dawl

Dar-raġel jismu Shuji Nakamura. Huwa professur Ġappuniż li ivvinta tip ta' dawl li juża ħafna inqas enerġija minn dawl normali. Nakamura ħoloq bozoz mhux biss li jaħlu inqas imma jservu ħafna iktar. Dan kollu huwa aħbar tajba għall-ambjent.

Jikkalkulaw li kieku l-iStati Uniti kellhom jibdlu l-bozoz kollha f'bozoz li vvinta dar-raġel, jistgħu jżarmaw 133 pawer stejxin! Mhux hekk biss: peress li dawn il-bozoz jużaw ftit enerġija, jaħdmu tajjeb b'solar panels - u b'hekk jistgħu jġibuhom li ma jaħlu assolutament xejn!

Ftit ġimgħat ilu Nakamura rebaħ il-Millennium Technology Prize. Għalkemm ma naħsbux li Nakamura se jaqra *Il-Ħuttafa* aħna xorta waħda nifirħulu. Dawn huma t-tip ta' nies li għandha bżonn id-dinja!




# X'se naraw?

**Jason Aloisio** jgħidilna kif naraw u nagħrfu l-għasafar



## il-pitirross

robin *Erithacus rubecula*

Kulħadd jagħrfu jekk jarah fuq kartolina. Biss jekk narawh fil-beraħ jaf ifixkilna xi ftit. Minbarra s-sider ħamrani hemm affarijiet oħra li minnhom nistgħu nagħrfu l-pitirross.

Meta jkun fl-art, il-pitiross ma jimxix, imma jaqbeż fuq saqajh. Ġieli jżomm il-ġwienaħ xi ftit imdendlin u rasu daqsxejn la ġenba. Spiss jidher imbaċċaċ meta jkun fl-art jew fis- siġar. Tajjeb ukoll li tidra tagħraf l-għanja tiegħu. Il-pitiross spiss izekzek u jgħanni matul il-ġurnata biex jimmarka t-territorju tiegħu. Jekk fir-roqgħa art li jikkapparra jkun hemm xi dawl mixgħul, jibqa' jgħanni wkoll bil-lejl. Il-pitirross iqatta' nofs is-sena f'Malta u għalhekk nibqgħu ngawduh sa Marzu.

(*Għasafar Madwarna* p 34)

## il-malvizz iswed

blackbird *Turdus merula*

Fl-Ewropa hu fost l-iktar għasafar komuni u ssibu anke fil-qalba ta' l-ikbar bliet. F'Malta l-malvizz iswed mhux komuni u narawh biss fil-passa tal-ħarifa u fix-xhur tax-xitwa. Forsi minħabba l-isparar, l-imlievez suwed li jkollna f'pajjiżna jkunu mgerrxin u ma jersqux lejn il-bini. L-iktar li ssibhom hu fil-widien u fl-imsaġar. Il-malvizz iswed hu ftit ikbar minn sturnell. Ir-raġel biss ikun iswed tuta. Il-mara jkollha lewn mitfi jxaqleb lejn il-griż.

L-imlievez suwed jgħaddu ħafna ħin fl-art jissemmgħu għad-dud fil-ħamrija - naturalment biex jaqilgħuhom u jikluhom, mhux għax jiggustaw it-ħaxwix tagħhom :-).

(*Għasafar Madwarna* p 38)

Jekk għandek Internet, idħol fil-websajt tal-BirdLife **www.birdlifemalta.org,** klikkja KLABB ĦUTTAF, imbagħad klikkja X'SE NARAW? u ssib iktar ritratti taż-żewġ għasafar u anke tisma' l-għana tagħhom. Grazzi lil Denis Cachia, il-webmaster tal-BirdLife.




L-istampi t'hawn fuq meħudin mill-ktieb ***Għasafar Madwarna*** (fil-ktieb qegħdin bil-kulur). Il-BirdLife ħarġet dal-ktieb apposta għal min irid jibda l-berdwoċing minn età żgħira. Fih tagħrif sempliċi fuq 100 għasfur, u stampi bil-kulur minn qoxra sa qoxra. U jiswa **Lm2.05** biss! Jekk għad m'għandekx... x'qed tistenna? Ċemplilna fuq 21347646 u ordna wieħed.

Is-sena l-oħra konna ppjanajna ħarġa għax-Xagħra l-Ħamra imma kellna nħassruha għax għamlet ix-xita. Għalhekk dis-sena se nerġgħu nippruvaw...

# immorru sax-Xagħra l-Ħamra!




Data: **Il-Ħadd 12 Nov 2006**
Ħin: **9am** (nispiċċaw għal xi nofsinhar)
Post: quddiem il-**knisja tal-Manikata**
Eta: **kulħadd** (ġenituri merħba)



pespus
*meadow pipit*

Il-pespus pespes tpespisa u l-pespusa għat-tpespisa tal-pespus qaltlu "Agħlaqlu xbin għax stordejtni!" :-) :-) :-)

# Ma niflaħx nara moħqrija!

Sur Editur,

Nixtieq ngħidilkom prosit tas-sapport li tagħtu u ta' kemm tħeġġu favur l-annimali. Jiddispjaċini talli spiss nara xi annimali l-aktar qtates u klieb li jkunu ttajru minn karozza jew meta nisma' li ħarqu xi kelb. Niftakar darba kont għaddejja fix-xatt Marsaxlokk meta għajnejja marru fuq dustbin li kien f'wiċċ l-ilma u miegħu kien hemm seqer b'sieq marbuta miegħu, dan naħseb li bela' ħafna ilma u miet.

Ċaw u prosit ta' kollox.

Annabelle Vassallo (11)




*Għażiża Annabelle,*

*L-ewwelnett grazzi tal-kummenti sbieħ dwar il-klabb. Kliem bħal tiegħek jagħmlilna ħafna kuraġġ.*

*Dwar il-moħqrija li semmejt għandek ħafna raġun li jiddispjaċik. Il-liġi għadha mhix iebsa biżżejjed biex tikkastiga lin-nies li jaħqru l-annimali. Jien l-iktar li nara serja hi li ċerta moħqrija hija aċċettata bl-iskuża li hija TRADIZZJONI (eżempju l-karozzini), SPORT (eż. l-kaċċa u l-ġiri taż-żwiemel u l-klieb), DIVERTIMENT (eż. d-dolfinarja, iċ-ċirku, it-toru), PASSATEMP (eż. l-insib) u saħansitra EDUKAZZJONI (eż. żuwijiet). Vera ħaġa vili, meta taħseb ftit li dawn l-annimali jinqatlu jew jinħaqru mill-bniedem għall-gost jew għall-flus.*

*Baqa' ħafna snin sakemm in-nies jitgħallmu jirrispettaw l-annimali bis-serjetà. Inwiegħdek li aħna ħa nibqgħu nużaw il-mezzi kollha tagħna, fosthom dal-magażin, biex inkomplu nedukaw il-membri fuq l-imħabba vera lejn in-natura.*

*L-Editur*

# FTAKAR

Kull sena li inti ġġedded il-miżata fi
**Klabb Ħuttaf**
nibagħtulek poster kbir bil-kulur mis-sensiela
*Ħieles, Ħaj u Sabiħ!*
Kull sena l-poster ikollu għasfur differenti.
Did-darba l-għasfur huwa
**russett tas-siġar**




# Tħobbu l-fjuri?

Għadu kemm ħareġ il-ktieb **Flora of the Maltese Islands**.

Jiswa xi Lm7 u ssibu tixtruh fi ħwienet ewlenin tal-kotba.

Ibagħtulna t-pinġijiet jew **ritratti** tagħkom tan-natura (mhux annimali domestiċi). Tinsewx isimkom, età, u isem l-annimal jew pjanta.



**spanjulett**
Christine Galea 11



**merill**
Daniel Aquilina 6



**allożawrus**[1]
Ayrton Hayman 9



**brimba kbira tal-widien**
David Caruana Triccas



**lampuka**
Andy Attard 8



**beluga**
Micaela Cassar 13



**għasfur taż-żebbuġ**
Nathaniel Falzon 7



**kokka tal-qrun**
Enrico Aquilina 9



**biver** (jew **kastur**)
Mark Quattromani 8

# bħalissa...




Daż-żmien tal-ħarifa jkun hawn ħafna ġurati jaqbżu u jtiru fuq il-pjanti. TIBŻGĦUX MINNHOM, il-ġurati la jagħtu xewk u lanqas skieken (kif jaħsbu ħafna nies). Anzi ta' naturalisti li intom, ħudu interess u ppruvaw ersqu lejhom bil-mod bla ma ttajruhom, ħalli taraw x'perfezzjoni huma dawn l-insetti. Osservaw is-saqajn twal ta' wara, b'dak il-muskolu kbir li jagħtihom is-saħħa biex jaqbżu. F'Malta għandna xi 17-il speċi ta' ġurat. Dan tar-ritratt huwa wieħed mill-iktar komuni.

[1]**Allożawrus** kien dinożawru kbir xi 12m u karnivoru (jiekol il-laħam) li għex xi 150 miljun sena ilu, jiġifieri tard fiż-żmien Ġurassiku. Mid-dehra kien komuni mhux ħażin għax instab ħafna fdal tiegħu speċjalment fl-Amerka ta' Fuq. Mad-daqqa t'għajn jixbaħ lill-famuż T-Rex - insomma, it-tnejn ma tridx tiltaqa' magħhom tkun passiġġata fil-kampanja!

L-artiklu tas-sigar did-darba ma waslilniex. Il-ħabib tagħna Charles Grech jerġa' jkun magħna f'*Il-Ħuttafa* li jmiss.



# FALKO

## Żgħażagħ BirdLife Malta

Stefan Azzopardi, Matthew Borg Cardona, Simon Sultana



### Hawn ħbieb!

F'nofs Settembru mort ġimgħa l-Ingilterra vaganza mal-familja, fil-Lake District preċiżament. Wara tfittxija fuq l-Internet sibt li ħdejn fejn konna qed noqogħdu kien hemm riserva ta' l-għasafar. Għalhekk ħadt l-opportunità u mort inżurha. L-ewwel ħaġa li nnutajt kienet il-kwantità ta' nies li kien hemm. Kien hemm minn kull età, attrezzati b'gajd, tromba u teleskopju. Dakinnhar kont iffortunat għax barra li rajt ħafna speċi differenti ta' għasafar, rajt ukoll speċi rari: pispisella Amerikana (pectoral sandpiper), għasfur tax-xtut żgħir u ħamrani.

Però biex in nies jidħlu fil-ħajds kellhom iħallsu (inkluż jien) erba' liri sterlina - dawk jiġu aktar minn Lm2!

Ir-riservi Maltin ta' l-Għadira u Is-Simar daqt jerġgħu jiftħu għall-publiku[1], u bis-saħħa ta' dawn il-postijiet għandkom ukoll iċ-ċans taraw l-għasafar mill-kumdità tal-ħajds. Id-differenza hi li l-BirdLife ma tiċċarġjax flus! Inħeġġiġkom għalhekk biex issibu xi Ħadd u tmorru żżuru r-riservi tagħna, fejn tistgħu tosservaw speċi differenti ta' pispisell, agretti, rsieset u ħafna oħrajn. Tafu tinzertaw xi ħaġa rari, bl-għasafar qatt ma tista' tgħid x'se tara. Saħħa.




matthew
**Matthew Borg Cardona**
Ko-ordinatur Falko

[1]L-Għadira u s-Simar jiftħu għall-publiku mill-ewwel wikend ta' Novembru 2006 sa l-aħħar wikend ta' Mejju 2007.

attività FALKO

## Ringing fuq Kemmuna



Fil-ħarifa l-BirdLife torganizza studju ta' l-għasafar bir-ringing fuq Kemmuna. Għalkemm dan ikun iqsar minn studju bħalu li jsir fir-rebbiegħa, aħna xorta se nieħdu l-opportunità nitilgħu ħdejn ir-ringers biex narawhom jagħmlu dax-xogħol. Dan huwa ċans biex taraw xi għasafar mill-viċin u titgħallmu kif u għaliex dan l-istudju jsir. Titilfuhiex!

Data: is-Sibt **21 Ottubru 2006**
Niltaqgħu filgħodu ċ-Ċirkewwa u niġu lura xi ħin wara nofsinhar.
Età: **Falko 13+**
Ġibu basket tad-daħar, żarbun komdu, ikel, xorb u flus għal-lanċa
Ċemplu **99886811** jew **79094104** biex tibbukkjaw. Iktar dettalji lil min jibbukkja.

## Ħajk bir-Roti sal-Ġnejna



Se mmorru ħajk bir-roti mill-Mosta sal-Ġnejna. Tiġu?!

Data: is-Sibt **11 Novembru 2006**
Niltaqgħu: **9am**
Fejn: il-**pjazza tal-Mosta**.
Età: **Falko 13+**

## Mixja sa l-Għadira



Ħajk miċ-Ċirkewwa sa l-Għadira. Ngħaddu mill-Qammieħ, u wara nżuru r-riserva ta' l-Għadira u jkollna gwida magħna.

Data: is-Sibt **25 Novembru 2006**
Niltaqgħu: **9am**
Fejn: il-**venda taċ-Ċirkewwa**.
Età: **Falko 13+**

## Attività f'Għawdex!



tpinġijiet Victor Falzon

Bajk-ħajks, kampijiet, xogħol fil-Foresta u berdwoċing mhumiex kollox fl-attivitajiet tal-Falko - il-mistrieħ huwa ta' bżonn ukoll! Għalhekk se nitilgħu sax-Xagħra f'Għawdex inqattgħu tmiem il-ġimgħa għand il-ħabib tagħna Mario Gauci. Hemm nagħmlu ħinijiet twal niddiskutu, nieklu, niċċajtaw, nagħmlu ħarġiet eċċ. Il-postijiet huma limitati ħafna, għalhekk jekk togħġobkom attività bħal din, ċemplu **99886811** ħalli tibbukkjaw.

Data: **15-17 Diċembru 2006**
Età: **Falko 13+**
Iktar dettalji lil min jibbukkja.



# Qed jispiċċaw Bla Dar!

**Ħafna pjanti u annimali qegħdin f'periklu li jinqerdu għal dejjem. Uħud minħabba l-kaċċa għall-ġilda jew partijiet oħra ta' ġisimhom, uħud minħabba kompetizzjoni minn speċi oħra, oħrajn minħabba mard eċċ. Però l-ikbar theddida hija l-qerda tal-ħabitati, il-postijiet fejn jgħixu: id-dar tagħhom!**

Hemm żewġ tipi ta' qerda tal-ħabitati. Minn naħa għandna l-qerda f'daqqa u totali ta' habitat, per eżempju nibnu belt fejn qabel kien hemm foresta. B'dal-mod tinqered mill-ewwel il-flora u l-fawna ta' dik li kienet foresta.

Min-naħa l-oħra, nistgħu wkoll neqirdu ħabitat meta nibdlulu l-kundizzjonijiet tiegħu. Per eżempju meta xmara titniġġes tinbidlilha l-kwalità ta' l-ilma, u b'hekk diversi speċi ma jkunux jistgħu jgħixu fiha iktar.

Il-ħabitati jinbidlu wkoll b'mod naturali, għax biż-żmien post jinbidel. Per eżempju fl-antik Malta għaddiet minn żmien meta kellha klima b'ħafna xita. Din hija x-xita li l-ilmijiet tagħha naqqxu ħafna mill-widien f'pajjiżna.

Meta bidla sseħħ b'mod naturali, is-soltu ssir bil-mod ħafna, u għalhekk l-annimali u pjanti jkollhom ħin jidraw u jadattaw għall-kundizzjonijiet ġodda, jew ftit ftit iwarrbu. Id-differenza meta l-bidla jġibha l-bniedem hi li l-bidla ssir b'rata mgħaġġla ħafna. B'hekk l-annimali u pjanti ma jilħqux jadattaw - u jmutu.

Forsi l-ikbar problema ambjentali li d-dinja qed tiffaċċja llum hija l-bidla fil-klima: il-klima qed tisħon, qed tisħon b'rata mgħaġġla u qed tisħon mad-dinja kollha - għalhekk ngħidulha global warming. Dan ifisser li l-ambjent qed jinbidel ukoll, u habitat jaf malajr jinbidel f'ieħor. Ħafna postijiet viċin id-deżert, per eżempju, qed jinxfu iktar u qed isiru huma stess deżert - dan



L-aħħar iljunfant jistaħba fl-aħħar foresta!

ngħidulu deżertifikazzjoni. Immaġinaw ftit il-konsegwenzi fuq il-ħajja li tgħix hemm. Immaġinaw aħna f'daqqa waħda jkollna ngħixu bla kważi xejn ilma!

F'ħafna postijiet fid-dinja għal kul tomna art li qed tiġi protetta qed jinqerdu tmien (jew anke 10) tomniet! Jekk nibqgħu sejrin b'dir-rata se nitilfu ħafna u ħafna speċi fis-snin li ġejjin. Il-lista ta' speċi mhedda hija twila tassew. Ftit eżempji huma l-panda, it-tigra, l-ors abjad, ħafna għasafar, xadini, fkieren, ħafna żrinġijiet u amfibji, u eluf ta' pjanti.

Il-pjanti forsi qegħdin f'sitwazzjoni agħar mill-annimali, għax dawn lanqas tgħid jistgħu jiċċaqalqu għal postijiet oħra! Fil-fatt 83% tal-pjanti mhedda huma mhedda proprju minħabba l-qerda tal-ħabitat tagħhom!

Ix-xjenzati jistmaw li fid-dinja jeżistu xi 14-il miljun speċi ta' annimali u pjanti, imma s'issa nafu biss b'xi 1.75 miljun minnhom. Jekk neqirdu l-ambjent ta' dawn l-ispeċi, se nitilfu mhux biss dawk l-annimali u pjanti li nafu u nħobbu, imma ħafna speċi oħrajn li għadna lanqas biss nafu bihom!




[1]**global warming:** il-biċċa l-kbira tax-xjenzati jwaħħlu t-tort tal-global warming fuq it-tniġġis ta' l-arja.

# Sibtha fix-Xibka!

## Websajts fuq in-natura mill-internet

Dil-websajt fiha ħafna kartuns u attivitajiet ħelwin li żgur jogħġbukom. Imma nixtieqkom tikklikkjaw ftit fuq *Real Issues* biex taraw minn x'hiex qed ikollhom jgħaddu ħafna annimali.

Araw kif l-annimali taċ-ċirku jinħaqru biex jitgħallmu jagħmlu t-triks u kif jinżammu f'gaġeġ żgħar 'il bogħod mill-ambjent naturali tagħhom. Siru afu aktar dwar l-annimali li qed jintużaw fir-riċerka. Taqblu li jsiru esperimenti fuq l-annimali? X'qed jiġri fil-laboratorji? Tafu li hawn min iġelled il-klieb u s-sriedek? X'jiġri f'dal-ġlied? U xi ngħidu għall-fer? Tafu li għal kowt tal-mink iridu jinqatlu 55 annimal? Għaliex m'għandniex nixtru annimali eżotiċi u nżommuhom bħala pets? U fuq kollox, għaliex il-bniedem jaħqar l-annimali?



**issibuha f'dan l-indirizz:**
**http:// www.animaland.org**

Aħna x'nistgħu nagħmlu quddiem din il-moħqrija? It-tweġibiet kollha ssibuhom fis-sajt Animaland.

**Janet** u **Amy Gerardi**

Għal kull membru li ddaħħal fil-Klabb inti tieħu

- **3 pitazzi tal-BirdLife**
- **stiker bil-kulur**



Ħajjar lil sħabek u lil ħutek jidħlu fi Klabb Ħuttaf...
Tiħom kopja ta' dil-formola biex jimlewha...
Imla isfel nett id-dettalji tiegħek stess...
Ibgħat kollox lil BirdLife Malta,
flimkien mat-**Lm3** tal-membru l-ġdid.

**Dettalji tal-membru l-ġdid**

isem u kunjom ____________________

indirizz ____________________

____________________ postcode ________

data tat-twelid ____________ telefon ____________ imejl ____________

Fejn imur skola? ____________________

**Dettalji tiegħek stess**

isem u kunjom ____________________

indirizz ____________________

____________________ postcode ________

membership number ____________ telefon ____________ imejl ____________

Fejn tmur skola? ____________________

**Tqattax il-magażin - agħmel kopja!**

Ibgħat kollox lil **BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12**
Tibgħatx flus bil-posta, imma ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew inkella 38 bolla tat-8ċ (jekk self-adhesive tant aħjar!).

# Hornøya




**Hotspots illum joħodna fit-tarf nett tal-grigal tan-Norveġja, fuq gżira ċkejkna jisimha Hornøya, 400km 'l fuq miċ-Ċirku Artiku, fl-Oċean Artiku. Tgħidu din qed tiġġennen illum? Hawnhekk ġiet issibha l-ħotspot? fejn it-temperatura fis-sajf tkun biss 9°C! Veru li l-klima f'dan-naħat mhix sħuna, imma aħna b'ħotspot mhux għat-temperatura nkunu qed infissru, imma għall-varjetà u kwantità ta' natura.**

Fuq Hornøya nsibu waħda mill-aħjar *bird cliffs* fl-Ewropa. Bird cliff huwa rdum iffullat bil-kolonji ta' l-għasafar tal-baħar, u fuq din-nitfa ta' gżira l-folla ta' tajr hija spettakolari - sa 88,000 par jingħad li jbejtu fuq Hornøya! Tgeġwiġija sħiħa ta' **gawwi** jwerżqu u jiġġieldu, **mwies** (razorbills u guillemots) imrassin ma' xulxin fuq l-irdum tistħajjilhom ħa jaqgħu minn moment għall-ieħor, **mragen tat-toppu** (shags) jixxemxu u **purċinelli** (puffins) jiżżegilgu ma' kullimkien. U l-attività mhux fuq l-art biss - fuq il-baħar, rafts sħaħ ta' għasafar jistadu 'l barra mix-xatt, u tajr ieħor dieħel bl-ikel f'ħalqu biex jitma' liż-żgħar.

Din il-ħafna attività taraha biss fir-rebbiegħa u fis-sajf, għax ix-xitwa dawn l-għasafar jippreferu jgħadduha f'postijiet inqas estremi.

Imma għalfejn dat-tajr kollu jinġabar f'dir-rassa kbira fuq dawn l-irdumijiet? Jagħmlu dan biex ibejtu, u peress li dawn l-għasafar huma ftit goffi fuq l-art, isibu postijiet kemm jista' ikun neqsin minn predaturi - u x'hemm aħjar minn irdumijiet għoljin fuq gżejjer żgħar? Jinġabru f'numri enormi għax fi gruppi kbar iħossuhom iktar protetti.

Imma hemm għalfejn imorru f'post b'sajf daqshekk kiesaħ u qasir? Iva, għax dawn l-għasafar jieklu ħut u ħlejjaq oħrajn tal-baħar, u dawn ġeneralment ikunu ħafna iktar komuni f'ibħra keshin milli f'ibħra sħan.



**purċinell**
X'qabda ħut dik!



**...olonja**
...assa kbira ta' gawwi!








**margun tat-toppu**
Dal-margun għandu ċurkett f'siequ.

# Trid kalendarju tal-friefet Maltin?




# Iddumx wisq għax ma tantx fadlilna!

Dan il-kalendarju fih ritratti tal-friefet kollha li dehru f'Malta, jiġifieri 29 speċi. Il-prezz huwa Lm1.50 u tista' tixtrih miċ-Ċentru tal-BirdLife f'Ta' Xbiex jew mir-riservi naturali ta' L-Għadira jew Is-Simar. Jekk trid tirċivih bil-posta, ibgħat Lm1.65 (ċekk lil BirdLife Malta jew bolli tas-7ċ mhux użati) lil BirdLife Malta, 57/28 Triq Rigord Ta' Xbiex MSD 12. Tinsiex tibgħat ismek u l-indirizz :). Ħaffef!